# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 19 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 889/00**

**Numru 33**

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Roads Group Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tal-Korporazzjoni attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba mija u tlieta u sittin lira Maltin u erba u tmenin centezmu (Lm463.84) rapprezentanti danni mis-socjeta' konvenuta jew minn impjegati tas-socjeta konvenuta ikkagunati f'cable tad-dawl propjeta tal-Korporazzjoni attrici u liema danni gew ikkagunati nhar t-13 ta' Lulju 1998 f'Triq Philip de Vendome, Birzebbugia.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Mejju 2000, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-ittra ufficjali. Is-socjeta konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat dak verbalizzat a fol 4 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx fis-6 ta' Frar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm463.84,0 bl-imghax legali mid-29 ta’ Mejju 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Mejju 2000.

Alan Calleja
Dep.Reg